TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 55

Il-Hamis, 26 ta' Ottubru, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Is-Sindku Zoya Attard ippresediet.

**PREZENTI**

Kienu prezenti, is-Sindku, il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri, Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

**TALBA**

Is-Sindku qalet it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 54 li saret nhar l-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2023, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm hwejjeg li jirriżultaw mill-minuti

## 4 KORRISPONDENZA

*4.1* Ma kienx hemm korrispondenza

## 5 MISTOQSIJIET

*5.1* Il-Vici Sindku informa li kien hemm żewġ bozoz maqtughin fi Triq Telghet Gwardamanga viċin l-RMF. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dawn huma diġà rrapurtati.

*5.2* Il-Kunsillier Savo tkellem dwar il-parkegg tal-isptar San Luqa. Huwa qal li la issa il-kawza hija kkonfermata u l-isptar rega' ghadda ghand il-Gvern, il-parkegg ghandu jerga' jghaddi ghand il-Kunsill sabiex dan jiġi amministrat bl-ahjar mod. Huwa qal li l-Kunsill diġà kellu d-devoluzzjoni ta' dan il-post iżda dan ittiehed meta dahlu Vitals u sussegwentament Steward Health Care. Bhalissa dan il-post qed isiru fih diversi abbużi u dan ikun jista' jiġi amministrat ahjar jekk il-Kunsill jerga' jinghata d-devoluzzjoni tieghu. Anki r-residenti tal-akwata ikunu jistghu jergghu igawdu minn dan il-parkegg.

Apparti minn dan, is-sular ta' fuq huma interessati li jużawh il-Pieta Hotspurs FC sabiex isir ground tal-football, l-unika spazju fil-lokal fejn tista' ssir din il-facilita` sportiva li tant hija nieqsa fil-lokal.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan u l-Kunsill ghandu jara kif l-ahjar jipproċedi.

*5.3* Is-Sindku u l-Kunsillier Pisani semmew problemi li qed ikun hemm fl-inhawi tal-Posta u hdejn tal-Maltco fi Triq ix-Xatt. Qalu li kemm jista' jkun malajr, il-Kunsill ghandu jara li l-bye-law li ghandu dwar it-tlajjar fl-area ta' Pjazza San Luqa, tiġi estiża ghal-lokal kollu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*5.4* Is-Sindku ssuggeriet li jsiru bollards tal-plastic fil-kantunieri ta' Triq San Luqa ma Triq Santa Monika biex jinqatghu l-abbuzi ta' parkeġġ illegali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien se jitlob l-approvazzjoni ta' TM dwar dan. Kien hemm qbil unanimu ghal dan.

## 6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***6.1*** Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li bhala parti mill-attivitajiet tar-Regjun Lvant bhala Regjun Ewropew tal-Isport 2023 il-Kunsill flimkien ma l-Akkademja ta' Pieta` Hotspurs, se jorganizzaw tournament ghat-tfal taht id-9 snin bejn il-clubs tar-Regjun. Dan ser isir fl-1 ta' Novembru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 7 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***7.1*** Is-Sindku ssekondata mill-Vici Sindku, ressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 51. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 8. TMIEM

***8.1*** Fis-5.45pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 22 ta' Novembru, 2023, fil-4.45pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku